MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Numru 437/2003

**Il-Pulizija**
**(Supt. Neil Harrison)**
**(Spt. Norbert Ciappara)**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**vs**
**Marwan El Kurbo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Marwan El Kurbo** ta' 25 sena, bin Ghabd Allah u Kerima, mwieled Tripoli (Libya) fit-18 t'Ottubru, 1977, residenti Room 503, Petit Paradis Hotel, Triq ix-Xatt, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 381101L;

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Mejju, 2003 u matul l-ahhar gimghat qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:-

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma' kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern., skond id-disposizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma' kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-improtazzjoni jew esportazzjoni tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma' kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu**;

c) Akkuzat ukoll talli ikkometta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta’ 100 metru mill-perimetru ta’, skola, club jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh, jew ir-reat ikkonsista bil-bejgh, fil-provista, fl-amministrazzjoni jew f’li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, lill-persuna li tkun qed issegwi programm ta’ kura jew ta’ riabilitazzjoni mid-dipendenza tad-drogi.

d) Talli wkoll ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Mag. J. Padovani Grima) fit-30 t’April, 2002 u (Mag. Consuelo Scerri Herrera).

e) Talli wkoll sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, (Mag. Dr. Dennis Montebello), fis-26 ta’ Marzu, 2002.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 553 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni tal-avukat generali datata 22 ta’ Mejju 2003 skond il-Kap 101 kif ukoll il-kontr-ordni skond l-artikolu 31 tal-Kap 101 datata 8 ta’ Gunju 2006 sabiex l-imputat ikun processat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghall-ksur tal-istess Ordinanza;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara illi intercettat f’cirkostanzi li kienu juru li seta kien qed jitraffika d-droga. Il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni illi l-imputat kien suspettat lli qed ibigh id-droga fl-inhawi ta’ Bieb il-Belt. L-imputat intlemah bilqieghda fuq tarag u hekk kif ser ikun eskortat talab lill-Pulizija jippermettulu jarmi basket tal-

plastik li kellu f'idu. Malli rema l-basket, il-Pulizija gabret l-istess u minn ezami tieghu irrizulta li kien jikkontjeni sittax-il qartas u zewg boroz zghar b'sustanza suspettuza fihom.

Dwar dawn il-qratas xehed l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti u dan ikkonkluda illi l-qratas kienu jikkontjenu s-sustanza Herojina f'ammont nett totali ta' 1.408 grammi (ara Dok NH8 a fol 58) valur ta' Lm47.71 (ara relazzjoni a fol 352);

Illi ukoll fid-19 ta' Mejju 2003 il-Pulizija kienu qed jaghmlu osservazzjonijiet fl-inhawi tad-Detox rigward possibbli traffikar ta' droga mill-imputat. Il-Pulizija innotat lill-imputat jigbor xi haga minn fejn tyre ta' karozza u jitla' gewwa vettura safra. Wara li segwewh sa G'Mangia, innotawh ma' persuna ohra gewwa vettura wieqfa. Dawn regghu saqu u spiccaw quddiem id-Detox u l-imputat nizel mill-vettura izda l-Pulizija baqghet issegwi lis-sewwieq li meta kien mwaqqaf irrizulta li kellu tlett pakketti b'sustanza go fihom, tnejn f'boroz tal-plastik u wiehed fil-foil. Din il-persuna kienet ammettiet li kienet ghadha kemm xtrat id-droga minn hdejn id-Detox. Oltre dan, l-imputat intlemah jaghmel kuntatt ma' tfajla ghall-habta tas-7.30 u l-Pulizija intercettat persuna ohra qed tahraq droga fuq foil u dan ukoll stqarret li kienet ghadha kemm xtrat id-droga minghand persuna hdejn id-Detox. L-imputat intlemah ukoll jirkeb f'karozza sewda, dar xi zewg kantunieri u rega nizel St' Luke's Road; Sid il-vettura s-safra xehdet u kkonfermat li kienet xtrat id-droga intercettata minghand l-imptuat wara li dan talbu "lift" appena hareg mid-Detox peress li kien qed jiehu l-kura hemmhekk. Minkejja li ma kienx jaf lill-imputat u li ma kienx qed jiehu droga f'dak iz-zmien, dan ikkonvincih biex jixtri xorta wahda; Xehed ukoll l-persuna intercettat fil-vettura sewda u dan ikkonferma li kien xtara d-droga minn hdejn id-Detox minghand persuna aktarx Gharbija li kienet libsa l-istess abbiljament kif deskritt mill-Pulizija;

Illi l-prosekuzzjoni esebiet sentenzi tal-Qorti biex tipprova l-akkuzi (d) u (e) fejn jrrizulta illi fil-11 ta' Frar 2002, l-imputat inghata sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghall-tlett snin skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 kif ukoll

sentenza ta’ 7 xhur prigunerija sospizi ghall sentejn mit-30 t’April 2002;

Il-Qorti rat ukoll ir-relazzjoni tal-espert tekniku a fol. 211 tal-process li ikkonkluda li l-postijiet kollha indikati mill-prosekuzzjoni li fihom l-imputat allegatament traffika d-droga jaqghu f’distanza ta’ anqas minn 100 metru kif ravvizati fl-akkuza (c);

Ikkunsidrat illi ghalhekk wara ezami ta’ dawn il-provi mressqa, l-akkuzi jirrizultaw sodisfacentement pruvati fil-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 18, 28B, 49 u 50 tal-Kap 9, 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii), l-ahhar proviso tal- art 22(2)(b) tal-Kap 101 u Reg 4 u 8 tal-GN 292/1939;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat, titratta mieghu billi fl-ewwel lok tirrendi effettivi mil-lum it-termini ta’ prigunerija ta’ sena kif ukoll it-terminu ta’ seba xhur prigunerija b’hekk illi l-imputat ghandu jservi sena prigunerija mil-lum; Inoltre tikkundannah ghal terminu ulterjuri ta’ prigunerija ta’ erba snin mil-lum oltre hlas ta’ multa ta’ Lm1000 u ghalhekk l-imputat ghandu jiskonta piena karcerarja komplessiva ta’ hames (5) snin mil-lum li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Inoltre il-Qorti qed tordna il-konfiska tal-flus u mobile phone esebiti a favur il-Gvern ta’ Malta. Tordna ukoll id-distruzzjoni tad-droga esebita u tinnomina ghal-dan l-iskop lill-ispizjar Mario Mifusd a spejjez tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------